MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tal-11 ta' Jannar, 2012

Rikors Numru. 291/2011

Kawza fil-lista: 17

**A B**
**vs**
**B C nee' D**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors li permezz tieghu r-rikorrent ipprezenta u talab hekk:

Illi huwa zzewweg lill-intimata B C nee' D permezz ta' cerimonja fl-20 ta' Dicembru 1976.

Illi l-partijiet xoljew u llikwidaw il-komunjoni ta' l-akkwisti bejniethom u effettwaw is-separazzjoni personali permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni personali ppubblikat in atti tan-Nutar Dottor Henri Vassallo fl-14 ta' Lulju tas-sena 1983.

Illi r-rikorrent ilu ghal dawn l-ahhar 28 sena jikkoabita ma' terza persuna u l-manteniment dovut mill-imsemmi kuntratt ta' separazzjoni lill-intimata B C nee' D, li ilha ghal dawn l-ahhar 25 sena tikkoabita ma' terza persuna, u lit-tifla taghhom Stephania B, li llum hija maggorenni u ghandha 33 sena, dejjem gie onorat skont id-disposizzjonijiet tal-kuntratt tas-separazzjoni suriferit u dan ankee skont kif jirrizulta mix-xhieda tar-rikorrent.

Illi ghaddew aktar minn 4 snin mid-data tas-separazzjoni legali u ma hemm ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet, tant illi kull wahda mill-partijiet ilha f' relazzjoni ma' terzi ghal zmien twil u kull wahda minnhom ghandha l-ulied minn tali relazzjoni;

Illi ghalhekk jikkonkorru l-kriterji kollha rikjesti mil-ligi ghall-hall taz-zwieg u ghad-divorzju tal-partijiet.

Ghaldaqstant ir-rikorrent A B jitlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti biex tiddikjara mahlul iz-zwieg tieghu ma' B C nee' D u li l-partijiet huma divorzjati ghall-effetti kollha tal-ligi u jordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex fiz-zmien imholli ghal daqshekk minn din il-Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan ikun registrat fir-Registru Pubbliku.

Rat l-att tal-kawza;

Semghet il-partijiet bil-gurament;

Ikkunsidrat;

Illi dak premess u mitlub jinsab sodisfacentement provat, u ghalhekk it-talbiet attrici jimmeritaw li jigu milqugha.

Ghal dawn il-motivi, tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti; u tippronunzja id-divorzju bejn il-partijiet; u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien xahar javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-decizjoni tal-partijiet sabiex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Spejjez bla taxxa.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------